**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 11 ta' Lulju, 2024

Rikors Ġuramentat: 97/2022 AL

**A B**

**vs.**

**Dr Christopher Chircop u PL Gerald Bonello appuntati permezz ta' digriet tas-6 ta' Lulju 2022 bħala Kuraturi Deputati biex jidhru għan-nom tal-assenti C D E**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat[1] datat 9 ta' Mejju 2022 li permezz tiegħu l-attriċi ppremettiet kif ġej:

*1. Illi l-esponenti kellha relazzjoni ma l-intimati;*

[1] Fol. 1.

*2. Illi minn din ir-relazzjoni twieldu tlett it-tfal bl-isem ta' F G D li twieled fis-26 ta' Mejju 2014 u H I D li twieldet fl-24 ta' Lulju 2012 u J D li tweled fit-30 ta' Gunju 2019.*

*3. Illi l-intimat C D E pero abbanduna lilha kif ukoll lill-uliedu u fil- fatt hija ma tafx fejn jinsab;*

*4. Illi l-intimat lanqas qed ihallas manteniment;*

*KURA u KUSTODJA*

*7. Illi l-Kura u Kustodja tal-minuri hija attwalment kongunta pero ovjament minhabba l-abbandun ta' l-intimat ma hux fl-ahjar interessi tal-minuri li din tibqa tali;*

*8. Illi kif se jigi ipprovat fil-mori tal-kawza, l-esponenti ma tafx fejn jinsab il-konvenut ghalhekk f' interessi tal-minuri l-kura u kustodja ghanda tigi fdata f'idejn ir-rikorrenti;*

*9. Illi anke sabiex jinhareg passaport ghal minuri, sabiex jintbghatu l-iskola u sabiex jinghataw il-kura medika mehtiega l-esponenti qed taffaca diffikultajiet kbar;*

*10. Illi l-minuri F u H jbaghtu bl-auttizmu ukoll liema kundizzjoni medika tehtieg attenzjoni partikolari apparti numru ta' firem tal-missier;*

*III. RESIDENZA*

*11. Illi minuri jirrisjedu ma l-esponenti. Dan ghandu jibqa hekk stante li ma hemm l-ebda raguni ghala ghandha tinbidel;*

*IV. MANTENIMENT*
*5. Illi l-intimat dejjem kien xhieh sabiex jhallas manteniment lill-esponeti;*

*6. Ovjament attwalment ma hux qed jhallas xejn u hija biss bl-għajnuna ta' missier l-esponenti li l-minuri qed jigu mantnunti;*

*V. RAGUNI TAL-KAWZA*

*17.Illi l-abbandun min naha ta' l-intimat, nuqqas ta' interess u nuqqas ta' manteniment kellha jsir din il-kawza;*

*18. Illi r-rikorrent taf b'dawn il-fatti personalment;*

*I. TALBA*

*Għaldaqstant, in vista tal-premess, ir-rikorrenti titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni, ordni u provvediment opportun jogħġobha:-*

*1. Tordna li l-kura u kustodja tal-minuri F G D li twieled fis-26 ta' Mejju 2014 u H I D li twieldet fl-24 ta' Lulju 2012 u J D li tweled fit-30 ta' Gunju 2019 tigi fdata esklussivament f'idejn ir-rikorrenti u dan fl-ahjar interess tal-minuri;*

*2. Tordna illi l-minuri jghixu primarjament mar-rikorrenti;*

*3. Tiffissa, jekk hemm bzonn bl-għajnuna ta' periti nominandi, ammont ta' flus bhala manteniment xieraq u adegwat ghall-ghajxien u bzonnijiet ta' kuljum, tal- minuri inkluz, izda mhux biss, dawk edukattivi u dawk relatati mas-sahha tal- minuri;*

*4. Tordna li tali manteniment ikun rivedibbli minn żmien għal żmien skond kif jiġi stabbilit minn din il-Qorti fis-sentenza tagħha;*

*5. Tikkundanna lill-istess intimat sabiex ihallas lil rikorrenti r-retta alimentarja hekk likwidata minn din il-Qorti, taht dawk il-modalitajiet illi jigu stabbiliti f'dan ir- rigward mill-istess Qorti;*

*6. Tordna illi kull beneficcju/ghajnuna socjali li tkun talvolta pagabbli lill-minuri jkunu percepibbli esklussivament mir-rikorrenti;*

*7. Tordna li l-passaport tal-minuri F G D li twieled fis-26 ta' Mejju 2014 u H I D li twieldet fl-24 ta' Lulju 2012 u J D li tweled fit-30 ta' Gunju 2019 jinhargu minghajr l-kunsens u l-firma ta' l-intimat;*

*u dan taht kwalunkwe kundizzjoni jew provediment li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha fis-savju u superjuri gudizzju taghha xieraq u gust fic-cirkostanzi.*

*Bl-ispejjez, u bl-interessi mid-data tat-twelid tal-minuri li minn isa qieghed jigi imsejjah in subizzjoni;*

Rat il-lista ta' xhieda tal-attriċi;

Rat id-digriet tal-25 ta' April 2022,[2] fejn il-Qorti awtorizzat lill-attriċi sabiex tipproċedi b'kawża *entro* t-terminu stabbilit mill-liġi;

Rat id-digriet tal-Qorti tas-6 ta' Lulju 2022[3] li bih ġew appuntati l-kuraturi Dr Christopher Chircop u l-PL Gerald Bonello sabiex jirrapreżentaw lill-konvenut assenti;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-Kuraturi Deputati[4] l-Avukat Dr Christopher Chircop u l-Prokuratur Legali Gerald Bonello, fejn ġie eċċepit:

*1. Illi hija l-attrici li ghandha l-piz tal-prova u cjoe illi trid ikun l-attrici li permezz tal-provi mressqa minnha jikkonvincu lil dina Onorabbli Qorti illi l-allegazzjonijiet li l-istess attrici qegħda taghmel fil-konfront tal-intimat huma fondati.*

*2. Illi l-esponenti f'dan l-istadju jiddikjaraw li m'għandhomx konoxxenza tal-fatti ta' dan il-kaz u għaldaqstant qeghdin jirrizervaw id-dritt li jressqu eccezzjonijiet ulterjuri jekk huma jsiru konoxxenti ta' fatti relatati ma dan il-kaz.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

---

[2] Fol. 5.
[3] Fol. 6.
[4] Fol. 33.

*Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li hija minn issa ngunta in subizzjoni.*

Rat il-lista ta’ xhieda tal-konvenut;

Rat id-digriet tal-Qorti tal-4 ta’ Awwissu 2022[5] fejn laqgħet it-talbiet attriċi *pendente lite*[6] u ordnat illi d-deċiżjonijiet kollha rigward il-kura u l-edukazzjoni tal-minuri jkunu jistgħu jittieħdu mill-attriċi mingħajr il-ħtieġa tal-kunsens jew firma tal-konvenut iżda ċaħdet it-talba għall-kura u kustodja tal-ulied*;*

Rat il-verbal tat-12 ta’ Ottubru 2022[7] li bih il-Qorti ħatret lil Assistent Ġudizzjarju Dr Abigail Critien sabiex tisma’ l-provi kollha bis-soliti fakoltajiet;

Rat il-verbal tas-16 ta’ Mejju 2023[8] fejn il-Qorti ħatret lil Dr. Marita Pace Dimech bħala Assistent Ġudizzjarju bis-soliti fakoltajiet;

Rat il-verbali kollha u x-xhieda mressqa mill-attriċi kemm permezz ta’ affidavit u kif ukoll *viva voce* quddiem din il-Qorti;

Rat il-verbal tad-9 ta’ Ottubru 2023[9] fejn il-Kuraturi Deputati infurmaw il-Qorti illi ma rnexxielhomx jagħmlu kuntatt mal-assenti konvenut u għalhekk m’għandhomx provi xi jressqu;

Rat id-digriet tal-Qorti tal-14 ta’ Mejju 2024 fejn il-Qorti ordnat li jiġu pprezentati kopji tal-Atti tat-Twelid tal-minuri li fuqhom hija kkonċentrata l-kawza odjerna;

Rat in-nota tal-attrici tat-23 ta’ Mejju 2024 li permezz taghha pprezentat id-dokumenti kif mitluba illi taghmel permezz ta’ digriet fuq imsemmi.

Rat l-atti proċesswali kollha;

---

5 Fol. 27.
6 Talbiet permezz ta’ rikors tat-13 ta’ Lulju 2022 a. fol. 18.
7 Fol. 35.
8 Fol. 39.
9 Fol. 104.

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum;[10]

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

1. **L-Azzjoni Odjerna:**

Permezz tal-kawża odjerna l-attriċi qiegħda titlob lill-Qorti sabiex din tafdalha f'idejha l-kura u kustodja tal-minuri F G D, H I D u J D u li tordna illi l-minuri jgħixu primarjament magħha wara li l-konvenut missier abbandunahom u ma tafx fejn jinsab. Hija titlob illi l-Qorti tiffissa manteniment xieraq għall-minuri u li tagħti l-provvedimenti meħtieġa dwar tali manteniment, li l-Qorti tordna li kull benefiċċju/għajnuna soċjali pagabbli lill-minuri jkunu perċepibbli eskussivament minnha, kif ukoll titlob sabiex jinħareġ passaport tal-minuri mingħajr il-kunsens u l-firma tal-konvenut.

Il-kuraturi deputati appuntati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti missier jgħidu li hija l-attriċi li għandha l-piż tal-prova u *ċioé* li trid tkun l-attriċi li permezz tal-provi mressqa minnha jikkonvinċu lil dina Onorabbli Qorti illi l-allegazzjonijiet li l-istess attriċi qiegħda tagħmel fil-konfront tal-konvenut missier huma fondati u jiddikjaraw li m'għandhomx konoxxenza tal-fatti ta' dan il-każ u jirriżervaw id-dritt li jressqu eċċezzjonijiet ulterjuri jekk huma jsiru konoxxenti ta' fatti relatati ma' dan il-każ.

2. **Il-Verżjoni tal-Partijiet u l-Provi Mresqa:**

*Il-Verżjoni tal-Attriċi u l-Provi Mressqa Minnha:*

1. *L-attriċi tippreżenta affidavit*[11] illi permezz tiegħu tgħid illi hija ltaqgħet ma' C D fl-2009 meta hija kienet taħdem bħala *waitress* u hu kien jaħdem ma' istituzzjoni edukattiva privata. Wara l-ewwel

[10] Verbal a fol. 103.

[11] Fol. 41.

inkontru tgħid li ħalla Malta wara li avżaha biss permezz ta' *email*. Dam l-Ingilterra tliet xhur li fihom baqgħu jikkomunikaw u ġie lura Malta f'Ottubru ta' dik is-sena fejn hija offrietlu li joqgħod f'post ta' ommha u dan aċċetta minnufih.

Wara xi erba' xhur jgħix magħhom bdiet tinnota li l-konvenut beda jqatta' ħafna ħin barra mid-dar fejn lanqas iwieġeb il-*mobile* sakemm darba kkuntatjaha minn l-Ingilterra u nfurmaha li kien reġa' telaq minn Malta. Tgħid li kollega tiegħu wkoll kien sorpriż għaliex mingħajr ma avża lil ħadd il-konvenut kien qabad u ma marx għax-xogħol. Tgħid l-attriċi illi telgħet ħdejh wara li qalilha li kien qed iħoss li ma tħobbux biżżejjed u niżlu lura Malta flimkien u marru jgħixu flimkien f'post li sellifha missierha kif xtaq il-konvenut. Wara tlett xhur, darba minnhom irritornat id-dar u la sabet lill-konvenut u lanqas il-*laptop* tagħha u sitt mija u ħamsin (650) Ewro li kienet warrbet mill-paga tagħha. Huwa kkuntatjaha biss erbat ijiem wara fejn qalilha li kien reġa' mar l-Ingilterra u ġab l-iskuża li ħass li hi kienet qed tużah bħala *taxi driver* u li ma kienux jieklu ikel sustanzjuz. Sakemm kien hemm hija saret taf li tqila u meta infurmat lill-konvenut b'dan reġa' niżel Malta u wara tliet xhur reġa' telaq ħabta u sabta. Dan wara ġlieda ma' ommha fuq il-vaċċini li tingħata t-tarbija. Tgħid li dakinhar kien xurban ħafna u sar ukoll aggressiv. Huwa qata' kull kuntatt għal ħames xhur sħaħ sakemm fl-aħħar tat-tqala reġa' lura Malta u ġab lil ommu miegħu biex tkun preżenti għat-twelid tat-tarbija li kienu qed jistennew.

Tgħid li sa ġimgħa qabel welldet kien spiss jixrob u jaqbeż il-limitu u anke mar jikri kamra ġo *hostel*. Tgħid li seħħ argument ieħor m'ommha u li għalkemm ma bdietx tafda illi l-wild ikun imniżżel fuq ismu għamlet hekk biex turih li tafdah. Tgħid li hi għaddiet minn żmien diffiċli ħafna dak iż-żmien għaliex kienet qed tagħmel kollox weħedha mingħajr l-għajnuna tal-konvenut missier. Tliet xhur mit-twelid, ġie Malta missier il-konvenut biex jara lit-tarbija u ġurnata wara l-konvenut reġa' telaq ħabta u sabta minn Malta fejn din id-darba qal li qiegħed il-Portugall u tkarrbilha biex tħallaslu titjira sabiex jiġi lura Malta u missierha għamillu tajjeb għal dan. Meta t-tarbija kellha sitt xhur reġa' telaq u din id-darba l-attriċi marret

miegħu u ppruvat tikkonvinċih jiġi lura iżda rrifjuta sakemm ġimgħa wara reġa' ġie Malta.

Tgħid li meta ġew biex kellhom it-tieni tarbija l-konvenut ma reġax telaq minn Malta sakemm ftit wara li weldet lit-tifel "*qomt maħsuda f'nofs ta' lejl wara tisbita kbira mal-bieb ta' barra. Ix-xena li sibt kienet: ħafna flixken tax-xorb mal-art, l-ikel li kont sajjart, kitba mal-ħajt li kienet tgħid "CUNT" u "BITCH" u mibruxin b'sikkina mal-bibien tal-fridge kien hemm ukoll l-istess kelmiet. Din id-darba qal li telaq peress li ż-żewġt itfal tagħna ġew diagnosed bl-Awtizmu u dan waħħal fija peress li kont tajthom il-vaċċin tal-MMR.*"[12]

Hija tgħid li dak iż-żmien kien diffiċli ħafna għaliha u anke abbużat mid-droga biex mingħaliha ttaffi mit-tbatija li kienet għaddejja minnha. Fl-2016 il-konvenut reġa' telaq u l-kuntatt miegħu kien ikun biss b'telefonati u messaġġi u għalkemm tgħid li kemm hi u kemm il-familja tagħha talbuh ħafna jiġi lura ħabba t-tfal huwa beda jgħid li l-familja kienu kompliċi magħha biex tathom il-vaċċin. Tgħid li hi bdiet tħossha ddisprata sakemm iddeċidiet li tfittex l-għajnuna mal-Fondazzjoni Oasi fejn daħlet tagħmel programm. Ġurnata qabel ma bdiet il-programm il-konvenut kien ġie lura Malta biex ħa xi ħwejjeġ u telaq bil-karozza li kien sellifhom missierha li mbagħad instabet mitluqa ġewwa Palermo. Il-ġenituri tagħha kienu ħadu ħsieb lit-tfal meta hija kienet il-programm u permezz ta' *email* il-konvenut infurmaha li hu ma kienx lest li jieħu responsabbiltà ta' tfal li huma diġà "*mfottijin bil-vaċċin*".[13]

Tirrakkonta li fl-2017 kienet daħlet San Blas għall-programm ta' tmien xhur u wara l-programm tgħid li bdew jieħdu r-ruħ. It-tfal kienu jgħixu m'ommha u l-konvenut ma kien għamel l-ebda kuntatt sakemm f'Ottubru 2018 il-konvenut irritorna u l-attriċi reġgħet aċċettatu lura. Għalkemm tgħid li l-ewwel tliet xhur kienu relattivament tajbin hija ndunat li kien sar dipendenti fuq l-alkohol "*Kien sar bniedem sarkastiku u aggressiv fil-waqt li kien jipretendi li*

[12] Fol. 44.
[13] Fol. 45.

*jien nibqa' mqajjma miegħu semplicement għaliex kien jiddejjaw joqgħod waħdu. Hawn fejn sirt naf li kont tqila bit-tielet wild tagħna. U din l-aħbar waslet biex C reġa' ħarab mill-pajjiż."*[14]

Hawn il-konvenuta tgħid li ma felħitx iktar u kellha *relapse*. Meta kellha ħames xhur tqala l-konvenut irritorna u aċċettatu lura għal darb'oħra. Għamlu festin għat-tfal f'għeluq sninhom u bdew jippreparaw għat-tarbija li kienet ġejja. Madanakollu l-konvenut ma kienx ta' għajnuna għax kien jixrob ħafna u jsemmilha kemm għandha affarijiet ħżiena. Tgħid li kienet imkissra u kellha tidħol xahrejn Dar Tgħanniqha t'Omm fejn kellha l-assistenza tal-*counsellor* Bernice Micallef. Il-konvenut sadanittant kien jgħix id-dar mat-tfal. Tgħid li dak iż-żmien "*kien ta' support għalija filwaqt iżda li kien xi ftit jew wisq irrabjat għaliex beda jara li jien issaħħaħt ħafna, sirt inħobb iktar lili nnifsi u bqajt (sic) dik il-persuna li noqgħod għal kollox u li huwa seta' jagħmel li jrid*."[15]

Tgħid li fl-2020 kienu ppruvaw jibdew ħajja ġdida ġewwa l-Mellieħa u kienu jidhru li qed jissetiljaw sakemm lejl minnhom il-konvenut kien reġa' telaq u l-attriċi ma ratux iktar. Tikkonkludi illi "*Fil-waqt li jien soffrejt waħdi u anke ppruvajt minn kollox biex nipprova nara din il-familja tirnexxi bħal oħrajn, kull ma nagħmel kien kollu għalxejn għaliex l-interess uniku li s-Sur D kellu kien li jaħrab il-problemi jew agendi oħra li huwa kellu. Huwa offra biss instabilita' fil-ħajja tiegħi u tat-tfal minflok stabillizza dak li huwa kellu bżonn u xtaq f'ħajtu. Għalxejn ppruvajt nurieh li nħobbu, li nafdah u anzi iktar minn hekk li xtaqt familja miegħu, għaliex għalkemm kien ħelu fi kliemu, kien differenti totalment f'għemilu"*[16]

Fis-seduta tad-9 ta' Ottubru 2023, hija tixhed taħt ġurament illi ma għandha l-ebda kuntatt mal-konvenut u ma tafx fejn jinsab.

2. *Affidavit ta' K B ossija missier l-attriċi*[17] *ppreżentat waqt is-seduta tad-9 ta' Ottubru 2023* – li jgħid li jaqbel ma kull ma kitbet l-attriċi fl-

[14] Fol. 45
[15] Fol. 46.
[16] Fol. 46.
[17] Fol. 104.

affidavit tagħha. Jgħid li huwa kien jgħin lil bintu finanzjarjament fejn kien qed iħallas madwar għoxrin elf (20,000) Ewro fis-sena għall-bżonnijiet tagħhom. Tgħid li missier it-tfal qatt ma ħallas xejn, anzi jgħid li darba ħadlu l-karozza u kienu sabuha mitluqa Ruma. Jgħid li kellu jagħmel l-arranġjamenti hu biex iġibha lura u swietu madwar tliet elef (3,000) Ewro. Jgħid li meta l-konvenut kien ikun Malta kien ikun dejjem fis-sakra u jgħid li llum il-konvenut ma hux involut fil-ħajja tat-tfal.

Jippreżenta ċertifikati u rapporti[18] ta' professjonisti li għamlu *assessments* tat-tfal, li jgħid li kollha għandhom *special needs*.

Il-kuraturi ma jippreżentaw l-ebda prova.

## 1. Prinċipji Legali Saljenti għal Każ Odjern:

Il-Qorti tibda biex tagħmel referenza għall-prinċipju bażilari li jirriżulta mill-liġi u l-ġurisprudenza nostrana b'mod assolutament kostanti, jiġifieri illi l-interess tal-minuri huwa dejjem suprem. Kif ingħad fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna[19]**: *"apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawża, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl-isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut..."*

Jingħad ukoll fis-sentenzi fl-ismijiet **Frances Farrugia vs Duncan Caruana**,[20] u **C Grech vs Charlene Banks[21]** illi *"filwaqt li dejjem tagħti piz għad-drittijiet tal-ġenituri, l-interess suprem li żżomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri, kif anke mgħallma mill-ġiurisprudenza kostanti tagħna".*

---

[18] Fol. 107.
[19] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Novembru, 2003 (Ċit. Nru. 1715/2001/1RCP).
[20] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fil-31 ta' Mejju 2017 (Rik. Ġur. Nru.268/11AL).
[21] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fil-15 ta' Ġunju 2017 (Rik. Ġur. Nru.218/13AL).

Għaldaqstant il-mod kif tiddeċiedi l-Qorti f'dawn il-każijiet dwar kura u kustodja tal-ulied, għandu jneħħi kull dubju f'dak li jkun, illi d-deċiżjoni tkun saret wara li wieħed iqis iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ fid-dawl tal-prinċipju suprem jiġifieri li kwalsiasi ordni li tingħata mill-Qorti tingħata fl-interess suprem tal-minuri.

Il-liġi nostrana f'Artikolu 3B tal-Kap 16 tgħid kif ġej:

*"(1) Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lill-ulied li jiġu miż-żwieġ skont il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet tal-ulied".*

Għalkemm hawn il-liġi titkellem dwar il-"miżżewġin", dan l-obbligu fil-konfront tal-ulied huwa wieħed li jinkombi fuq kull ġenitur anke fuq dawk il-ġenituri li ma humiex magħqudin bir-rabta taż-żwieġ bħal ma hu l-każ li għandha quddiemha din il-Qorti. F'dan ir-rigward infatti l-liġi tagħna hija ċara kif jingħad f'Artikolu 7 tal-Kap 16 illi:

*"Il-**ġenituri** għandhom l-obbligu li jieħdu hsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B"*

Artikolu 56 tal-Kap 16 jgħid illi:

*"(1) Meta tagħti s-sentenza tal-firda, il-qorti għandha tordna wkoll lil liema waħda mill-partijiet għandha tiġi fdata l-kustodja tat-tfal u l-konsiderazzjoni ewlenija tkun il-ġid tal-ulied."*

Il-Qorti għalhekk trid tiddeċiedi dwar il-kura u kustodja tat-tfal ibbażata fuq dan il-prinċipju waħdieni. Dan il-prinċipju ilu jiġi rifless fil-ġurisprudenza tagħna sa minn żmien ilu hekk kif fis-sentenza fl-ismijiet **Susan Ellen Lawless vs Il Reverendo K Lawless**,[22] il-Qorti kienet qalet illi "*la cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra i conjugi, che si riconoscera' piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla loro eta', ed a tutte le circostanze del caso*

[22] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-8 ta' Diċembru 1858.

*– sotto quie provvedimenti, che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli".*

L-Artikolu 131 tal-Kap 16 imbagħad jitkellem dwar is-setgħa tal-ġenituri u jistipula illi:

*"(1) L-iben huwa suġġett għas-setgħa tal-ġenituri tiegħu għall-effetti kollha kif stabbiliti bil-liġi.*

*(2) Ħlief f'dawk il-każijiet stabbiliti bil-liġi, din is-setgħa tkun eżerċitata bi ftehim bejn iż-żewġ ġenituri. Wara l-mewt ta' wieħed mill-ġenituri, din tkun eżerċitata mill-ġenitur li jibqa' ħaj.*

*(3) F'każ ta' nuqqas ta' qbil bejn il-ġenituri dwar ħwejjeġ ta' importanza partikolari, kull wieħed mill-ġenituri jista' jirrikorri għal dik il-qorti skont ma tista' tkun indikata minn jew taħt xi liġi li tkun fis-seħħ minn żmien għal żmien fejn juri dawk id-direzzjonijiet li fil-fehma tiegħu jidhirlu xierqa fiċ-ċirkostanzi."*

Filwaqt li Artikolu 56 tal-Kap. 16 jipprovdi illi:

*"(1) Meta tagħti s-sentenza tal-firda, il-qorti għandha tordna wkoll lil liema waħda mill-partijiet għandha tiġi fdata l-kustodja tat-tfal u l-kunsiderazzjoni ewlenija tkun il-ġid tal-ulied.*

*(2) Il-qorti tista', jekk tqis li dawk il-miżuri jkunu tassew meħtieġa, u wara li tqis iċ-ċirkostanzi kollha rilevanti, tordna li l-ulied jitqiegħdu taħt fil-kustodja ta' persuni in loco parentis, ta' terzi, jew f'xort'oħra ta' kura.*

*(3) Il-qorti tista' tagħti dawk l-ordnijiet fis-sentenza tal-firda, għalkemm fl-azzjoni għaliha ma tkun saret ebda talba, dwar il-kustodja tal-ulied.*

*(4) Il-qorti tista', f'kull żmien, tirrevoka jew tibdel dawk l-ordnijiet dwar l-ulied, meta l-interessi tal-ulied hekk jitolbu.*

*(5) Il-qorti tista' barra dan, meta ċ-ċirkostanzi hekk jeħtieġu, tistabbilixxi li xi ħadd mill-ġenituri jew it-tnejn ikunu miċħuda mill-jeddijiet tal-awtorità tal-ġenituri għal kollox jew f'parti."*

Il-Qorti fis-sentenza **A B f'isimha personali kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza ta' bintha l-minuri C D vs E D**[23] tgħallem illi: *"Ezami akkurat tal-Artikolu 56 appena citat juri illi l-ligi taghna taghmel distinzjoni bejn 'IL-KUSTODJA' tal-ulied fuq naha u 'IS-SETGHA TA' GENITUR' jew 'L-AWTORITA' TA' GENITUR' fuq in-naha l-ohra. Fil-Kapitolu 16 il-frazi 'KURA U KUSTODJA' hija uzata biss fit-Titolu li jitratta l-adozzjonijiet.*[24] *Strettament ghalhekk il-Qorti ghandha tiddeciedi **fl-ewwel lok dwar il-kustodja tal-minuri, u cioe' ma' min il-minuri ser tirrisjedi u fit-tieni lok dwar jekk ghandiex iccahhad lil xi hadd mill-genituri mill-awtorita' ossia s-setgha ta' genitur.** Il-ligi taghna tipprovdi meta l-Qorti ghandha tnehhi is-setgha ta' genitur minn idejn genitur. Artikolu 154 tal-Kap. 16 jipprovdi illi: "(1) Bla ħsara ta' kull piena oħra li għaliha jista' jkun suġġett skont il-liġi, il-ġenitur jista' jiġi mneħħi mill-qorti hawn fuq imsemmija, mill-jeddijiet kollha ta' setgħa tal-ġenituri, jew minn biċċa minnhom, f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin: (a) jekk il-ġenitur, billi jagħti kastig barra mill-qies, jaħqar lit-tifel, jew jittraskura l-edukazzjoni tiegħu; (b) jekk l-imġieba tal-ġenitur tista' tagħmel ħsara lit-trobbija tat-tifel; (c) jekk il-ġenitur huwa interdett, jew inabilitat li jagħmel xi atti, kif jingħad fl-artikoli 520 sal-527 inklużivament tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u fl-artikoli 189 u 190; (d) jekk il-ġenitur jamministra ħażin ħwejjeġ it-tifel; (e) jekk il-ġenitur jonqos li jaqdi xi wieħed mill-obbligi msemmija fl-artikolu 3B favur it-tifel.*

*Fl-ambitu ta' separazzjoni personali, Artikolu 56 (5) tal-Kap. 16 jipprovdi illi l-Qorti tista' ccahhad lil xi hadd mill-genituri jew lit-tnejn mill-awtorita' ta' genitur "meta c-cirkostanzi hekk jehtiegu".*

*Fil-fehma tal-Qorti l-Legislatur ried li f'kaz fejn iz-zewg genituri mhux ser jghixu flimkien id-diskrezzjoni tal-Qorti dwar is-setgha tal-genitur tkun aktar wiesa minn dak stabbilit fl-Artikolu 154 supra citat. Ghaliex filwaqt li l-Artikolu 154 jelenka c-cirkostanzi meta s-setgha ta' genitur tista' tigi*

[23] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fit-28 ta' Mejju, 2015 (Rik. Ġur. Nru. 24/2012RGM).
[24] Vide Artikolu 115 (4) (c) tal-Kap. 16.

*revokata, l-Artikolu 56 jippermetti li setgha ta' genitur tigi revokata jekk ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz ikunu hekk jehtiegu. Fost ic-cirkostanzi li l-Qorti f'kazi kongruwi ghandha tiehu in kunsiderazzjoni huwa certament x'inhu l-ahjar interess tal-minuri."*

Fis-sentenza **Cedric Caruana vs Nicolette Mifsud**[25], il-Qorti tal-Appell emfasizzat li fejn jidħlu l-minuri huwa ta' applikazzjoni assoluta l-Artikolu 149 tal-Kap. 16 li jagħti l-poter lill-Qorti tagħti kwalsiasi ordni fl-interess suprem tal-minuri.

L-istess Artikolu 7 tal-Kap 16 hawn fuq ċitat jobbliga lill-ġenituri li **jmantnu** lil uliedhom. Kif jirriżulta mid-dispozizzjonijiet tal-Liġi, iż-żewġ ġenituri għandhom l-istess obbligu versu wliedhom sabiex imantnu lil uliedhom kull wieħed skond il-mezzi tiegħu, kkalkulati skont il-bżonnijiet tal-Artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili. L-Artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi illi:

*"(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-meżżi ta' min għandu jagħtih.*

*(2) Fl-istħarriġ sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort' oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl- eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.*

*(3) Meta jitqiesu l-meżżi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħad biss il-qliegħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddiehor, u tal-utli tal-beni, sew mobbli u kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.*

*(4) Ma jitqiesx li għandu meżżi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.*

*(5) Meta jitqiesu l-meżżi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tieghu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kul interess beneficcju taht trust."*

[25] Deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Marzu 2014.

Artikolu 19 jipprovdi illi

*"(1) fil-manteniment jidħlu l-ikel, l-ilbies, is-saħħa u l-abitazzjoni.*

*(2) Fil-manteniment li għandu jingħata lill-ulied u dixxendenti oħra, jidħlu wkoll l-ispejjeż meħtieġa għas-saħħa u għall-edukazzjoni tagħhom."*

Artikolu 54 ikompli jispeċifika illi

*"… omissis …*

*(2) L-ammont tal-manteniment imsemmi fis-subartikolu (1), kif ukoll il-manteniment dovut lill-ulied f'każ ta' firda, jiġi stabbilit billi jitqiesu l-mezzi tal-miżżewġin, il-ħila tagħhom li jaħdmu u l-bżonnijiet tagħhom, u għandhom jitqiesu wkoll iċ-ċirkostanzi l-oħra kollha tal-miżżewġin u tal-ulied …"*

Għalkemm il-Qorti tqis iċ-ċirkostanzi tal-ġenituri f'kull każ u ma hemmx formola fissa kif jiġi kalkolat il-manteniment, kif ritenut fil-ġurisprudenza nostrana, l-ġenituri ma jistgħux jabdikaw mir-responsabilità tagħhom li jmantnu lil uliedhom materjalment, hu kemm hu l-introjtu tagħhom. Il-Qorti dejjem kienet tal-fehma illi kull ġenitur għandu l-obbligu li jmantni lil uliedu anke jekk il-meżżi tiegħu huma baxxi jew jinsab diżokkupat. Il-Qorti ma tista qatt taċċetta li persuna ġġib it-tfal fid-dinja u titlaq kull responsabbiltà tagħhom fuq il-ġenitur l-ieħor jew inkella fuq l-istat.[26] Għaldaqstant, kull ġenitur għandu jipprovdi sabiex jassigura li uliedu għandhom manteniment adegwat li jkopri dak provdut f'Artikolu 19.

Fil-każ **Portelli Jennifer *pro et noe* vs Portelli John**[27], jingħad: *"l-obbligu taż-żewg ġenituri lejn l-ulied jibqa' bażikament l-istess dettat kull wieħed skont il-meżżi tiegħu, ikkalkulati skont id- dispozizzjonijiet tal-Artikolu 20 tal-istess Kap u l-bżonnijiet l-bżonnijiet tal-minuri, u fl-interess tal-istess minuri."*

---

[26] Vide Tiziana Caruana vs Redent Muscat deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fl-24 ta' Ġunju 2019 (Rik. Ġur Nru. 272/2018); Liza Spiteri vs Luke Farrugia deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2019 (Rik. Ġur Nru. 219/2018).

[27] Deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2003 (Rik. Nru. 2668/1996).

Il-Qrati tagħna kienu sensittivi wkoll għal fatt li ġenitur li jkollu l-kura u kustodja ta' wliedu mhux dejjem jista' jaħdem minħabba f'dan il-fatt. Tgħid il-Qorti fis-sentenza **Marthese Vella *pro et noe* vs K Vella**[28]: *"Illi din il-Qorti, tghid illi dan hu hekk in principju, però jista' jkun li jkun hemm kazijiet fejn minhabba c-cirkostanzi tal-kaz, il-genitur li jkun afdat bil-kura u l-kustodja tal-minuri ma jkunx jista' jahdem u dan minhabba li jkun irid jippresta l-attenzjoni u l-kura tieghu ghat-trobbija ta' l-imsemmi minuri."*

Magħdud ma' dan ġie ritenut diversi drabi fil-ġurisprudenza nostrana illi *"Din il-Qorti timxi mal-massima legali li min jallega ħlas dan irid jippruvah u b'hekk indubjament teżiġi li l-parti li tagħmel it-talba għandha tipprova l-każ tagħha."*[29]

Kif jingħad ukoll fil-kawżi fl-ismijiet **Ottilie Micallef *pro et noe* vs A Joseph Mifsud**,[30] u **Romina Veneziani *noe* vs Dr Marc Sant**,[31] illi: *"Madanakollu l-grad ta' prova neċessarja f'kawża fejn si tratta talba għal manteniment minn għand dak il-ġenitur li ma jkunx preżenti sa mit-twelid tal-minuri, huwa tali fejn ikun biżżejjed għal dik il-parti li tagħmel it-talba għal ħlas ta' manteniment illi tippreżenta prospett li jindika approssimattiv tal-infiq ta' flus fuq il-minuri li għandu jkun ikkorraborat b'numru sostanzjali ta' rċevuti, liema rċevuti għandhom jagħtu indikazzjoni tal-ħajja li dik il-parti tkun qiegħda tagħti lil uliedha"*

## 2. Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Każ Odjern:

Il-Qorti għandha quddiemha talba magħmula mill-attriċi sabiex tiġi akkordata l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri F G D, H I D u J D, ulied il-partijiet u tiffissa l-manteniment li għandu jkun pagabbli mill-konvenut għall-bżonnijiet tal-istess minuri, li għandu jinkludi wkoll sehem il-konvenut għall-ispejjeż relatati mas-saħħa u edukazzjoni.

---

[28] Deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Frar 2003.
[29] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fis-27 ta' Jannar 2022 (Rik. Ġur Nru. 152/16 AL).
[30] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fit-18 ta' Jannar 2022, (Rik. Ġur Nru. 107/2015 AL).
Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fis-27 ta' Jannar 2022, (Rik. Ġur Nru. 152/2016 AL).

Mix-xhieda mhux kontradetta tal-attrici jirriżulta illi l-partijiet kellhom relazzjoni mill-bidu tagħha turbulenti fejn il-konvenut kien mingħajr pre-avviż kien jaqbad u jitlaq minn ħajjet l-attriċi u wliedu u saħansitra jħalli l-pajjiż kull ftit xhur sakemm fl-aħħar, fl-2020 telaq u minn dak iż-żmien ma rritornax. Ħajjet l-attriċi kienet karatterizżżata minn sforzi sabiex issalva r-relazzjoni ta' bejniethom b'dak illi hija anke marret diversi drabi wara l-konvenut barra minn Malta sabiex tipprova tikkonvinċih jerġa' jirritorna f'ħajjitha. Il-Qorti tifhem illi l-attriċi ħassitha titkisser b'dan l-aġir tal-konvenut kemm minħabba fl-instabbiltà li kien qed joħloq f'ħajjitha u f'ħajjet it-tfal u kemm għaliex kellha trabbi lit-tlett itfal tagħhom weħedha. Fil-fatt jixhed missierha illi kienu huma, u *ċioé* il-ġenituri tagħha, li kienu jidħlu għal binthom bħala sostenn kemm finanzjarju u kif ukoll morali fl-assenza tal-konvenut missier. L-attriċi fil-fatt tixhed ukoll illi meta għaddiet minn żmien diffiċli u rrikorriet għad-droga hija daħlet tagħmel programm u kienu l-ġenituri tagħha li żammew lit-tfal.

Is-sitwazzjoni tal-attriċi hija doppjament iktar diffiċli għaliex mhux talli kellha tiġġieled l-inkonsistenza tal-konvenut u wkoll trabbi weħedha iżda għandha sitwazzjoni fejn it-tliet ulied kollha għandhom bżonnijiet partikolari.[32] Il-Qorti tammira l-fatt illi l-omm f'sitwazzjoni daqstant tqila kompliet taqdef kontra kull kurrent favur it-tliet uliedha.

M'huwiex ikkontestat illi mill-2020 il-konvenut ma reġax għamel kuntatt mal-attriċi u qatt ma wera interess f'uliedu jew b'xi mod prova jaraha jew jikkomunika magħha. Fil-fatt jiġi nnutat illi l-konvenut abbanduna għal kollox lil uliedu u m'għandu l-ebda kuntatt mal-attriċi, tant illi lanqas biss kien possibli li jiġi rrintraċċat għall-finijiet ta' dawn il-proċeduri. Il-konvenut ilu ma jara lil uliedu sa mill-2020, u ma jistaqsix dwarhom, u lanqas ma jikkontribwixxi finanzjarjament għat-trobbija tagħhom. Madanakollu l-Qorti tirrileva li, għalkemm ma semgħet ebda provi konkreti min-naħa tal-konvenut, jirriżulta bl-aktar mod ċar li kienet l-attriċi li dejjem assumiet il-kura u l-kustodja effettiva tal-minuri. Jirriżulta ċar ukoll li l-istess attriċi għandha l-interessi tal-minuri għal qalbha, tant li kemm-il darba ttentat tikkomunika ma' missier l-istess minuri, u *in vista* li dan kien bla suċċess intavolat il-proċeduri odjerni sabiex tassigura l-aħjar interessi tal-istess minuri. Barra minn hekk huwa inkonfutabbli għal

[32] Rapporti pprezentati minn missier l-attriċi a. fol. 107.

din il-Qorti illi l-abbandun *da parti* l-konvenut fil-konfront ta' wliedu jpoġġi lill-attriċi f'sitwazzjoni diffiċli f'dak li għandu x'jaqsam mad-deċiżjonijiet illi talvolta jkun hemm bżonn li jittieħdu.

Kif diġà ġie rilevat aktar 'il fuq, kawżi simili għal dik odjerna iridu jiġu deċiżi neċessarjament fid-dawl tal-prinċipju tal-aħjar interessi tal-istess minuri. F'dan l-istadju ssir referenza għall-kawża fl-ismijiet **M. Bonnici vs Onor J. Raynaud**[33] fejn gie dikjarat li "*Il-prinċipju li għandu jipprimeġġja, meta l-Qorti tiġi biex tagħti provvediment dwar il-kura tat-tfal huwa dak li huwa suġġerit mill-aktar utilità u dak tal-aqwa vantaġġ għall-interess tal-istess tfal"*

Fid-dawl tal-premess, il-Qorti tinsab sodisfatta illi jkun fl-aħjar interessi tal-minuri, li l-kura u kustodja tal-minuri F G D, H I D u J D għandha tkun vesitita esklussivament f'idejn l-attriċi, dan anke billi l-minuri għandhom jibqgħu jirrisjedu mal-attriċi ġewwa Malta, f'dak il-fond li l-attriċi stess tistabbilixxi bħala r-residenza tagħha. Il-Qorti tkompli tikkonferma l-konsiderazzjoni tagħha *in vista* tal-fatt li bejn il-partijiet ma hemm l-ebda komunikazzjoni. Fuq kollox, xi ħadd irid jieħu ħsiebhom, u bil-fatti li għandha quddiemha l-Qorti, huwa ċar għaliha li l-attriċi għandha interess f'uliedha, kif jixhed ukoll il-fatt li ħadet interess tintavola din il-kawża, mentri l-konvenut missier ma wera interess ta' xejn. F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Miriam Cauchi *pro et noe* vs Francis Cauchi**,[34] fejn il-Qorti tal-Appell irriteniet illi hija *"tiskarta t-talba ghall-kustodja kongunta ghax, bhala sistema, mhux prattikabbli meta l-genituri ma jitkellmux bejniethom".*

*In vista* li l-kura u kustodja tal-minuri ser tkun vestita esklussivament f'idejn l-attriċi u per konsegwenza dawn jgħixu magħha, il-konvenut għandu *de minimis* jivversa manteniment bħala kontribuzzjoni finanzjarja għat-trobbija tal-minuri. Kif intqal fis-sentenzi kkwotati min jitlob manteniment għandu jġib prova tal-bżonn f'forma ta' lanqas ta' prospett li jindika approssimattiv tal-infiq ta' flus fuq il-minuri li għandu jkun ikkorraborat b'numru sostanzjali ta' rċevuti. Xejn minn dan ma ġie ppreżentat f'dan il-każ u lanqas l-attriċi ma xehdet fuq il-bżonnijiet tat-tfal

---

[33] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili 1947, Vol. 33D 1947.

[34] Deċiża nhar it-3 ta' Ottubru 2008 (App. Nru. 2463/1999/1).

partikolari tagħha. Fid-dawl ta' nuqqas ta' provi f'dan ir-rigward, il-Qorti tinsab marbuta dwar kemm għandu jkun il-manteniment li għandu jivversa l-konvenut. Għalhekk, fid-dawl ta' dak ċitat, il-Qorti tordna lill-konvenut sabiex iħallas lill-attriċi s-somma ta' mitejn Ewro (€200) f'manteniment kull xahar, u kif ukoll ħamsin Ewro (€50) bħala sehemu għall-ispejjeż relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari kull xahar, u **b'hekk il-konvenut għandu jħallas lill-attriċi total ta' mitejn u ħamsin Ewro (€250) kull xahar għal kull wild**, liema manteniment għandu jogħla kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u għandu jiġi vversat f'kont indikat mill-attriċi kull l-ewwel ġurnata tax-xahar permezz ta' *bank transfer stante* li huwa jgħix barra minn Malta. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, il-konvenut huwa obbligat li jħallas manteniment għall-minuri sakemm dawn jagħlqu tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalita` li l-minuri jagħżlu li jibqgħu jistudjaw fuq bażi *full-time* wara li jilħqu l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-minuri jagħlqu l-età ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm itemmu l-istudji tagħhom, skont liema eventwalità tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluż iċ-Children's Allowance, għandhom ikunu perċepibbli mill-attriċi.

Magħdud mal-premess, il-Qorti hija tal-fehma illi, *ai termni* tal-Artikolu 149 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, għandha tagħti dawk l-ordnijiet ulterjuri u dana fl-aħjar interessi tal-minuri. Il-ġurisprudenza nostrana hija ċara f'dan ir-rigward, u *ċioé* fejn *si tratta* l-interess suprem tal-minuri l-Qorti ma għandhiex tkun imxekkla bir-regoli stretti u rigorużi proċedurali, tant illi l-Qorti tal-Familja għandha s-setgħa li tieħu kull provvediment fl-aħjar interess tal-minuri anke jekk ħadd mill-partijiet ma jkun għamel talba fir-rigward. Tenut kont tal-premess, il-Qorti tagħmel referenza għall-każistika kkwotata iktar qabel li tagħmel distinzjoni bejn il-kwistjoni tas-setgħa tal-ġenitur u l-kura u kustodja u b'hekk jekk ġenitur ma jkollux f'idejh il-kura u kustodja ta' minuri dan ma għandux ifisser ta' bilfors illi tali ġenitur ikun żvestit mis-setgħa ta' ġenitur.

Fil-każ odjern u ġialadarba l-abbandun tal-konvenut versu wliedu huwa ampjament ċar, il-Qorti tqis li ma jkunx fl-aħjar interess tal-minuri li ommhom ikollha tirrikorri għall-proċeduri ġudizzjarji f'kull sitwazzjoni fejn

jista' jkun hemm bżonn il-firma ta' missierhom. Għaldaqstant il-Qorti tordna li l-konvenut jiġi żvestit mis-setgħat kollha tiegħu ta' ġenitur *ai termini* tal-Artikolu 154 tal-Kodiċi Ċivili, b'dana illi l-attriċi jkollha s-setgħa ta' ġenitur waħedha fuq il-minuri bil-fakoltà li tieħu esklussivament waħedha kull deċiżjoni fir-rigward tal-minuri, kemm ordinarji kif ukoll straordinarji.

**DEĊIDE:**

Għaldaqstant u għar-raġunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-kura u kustodja tal-minuri F G D, H I D u J D tkun vestita esklussivament f'idejn l-attriċi;

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna illi l-minuri għandhom jibqgħu jirrisjedu mal-attriċi ġewwa Malta f'dak il-fond li l-attriċi stess tistabbilixxi bħala r-residenza tagħha;

3. Tilqa' it-tielet, ir-raba', il-ħames u s-sitt talba u tordna li l-konvenut jibda jivversa manteniment lill-attriċi mitejn Ewro (€200) f'manteniment kull xahar, u kif ukoll ħamsin Ewro (€50) bħala sehemu għall-ispejjeż relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari kull xahar, u b'hekk il-konvenut għandu jħallas lill-attriċi total ta' mitejn u ħamsin Ewro (€250) kull xahar għal kull wild, liema manteniment għandu jogħla kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u għandu jiġi vversat f'kont indikat mill-attriċi kull l-ewwel ġurnata tax-xahar permezz ta' *bank transfer stante* li huwa jgħix barra minn Malta sakemm dawn jagħlqu tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalita` li l-minuri jagħżlu li jibqgħu jistudjaw fuq bażi *full-time* wara li jilħqu l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-minuri jagħlqu l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm itemmu l-istudji tagħhom, skont liema eventwalità tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluż ic-Children's Allowance, għandhom ikunu perċepibbli mill-attriċi.

4. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 149 tal-Kodiċi Ċivili, tordna li l-konvenut jiġi żvestit mis-setgħat kollha tiegħu ta' ġenitur *ai termini* tal-Artikolu 154 tal-Kap 16, b'dana illi l-attriċi jkollha s-setgħa ta' ġenitur waħedha fuq il-minuri bil-fakoltà li tieħu esklussivament waħedha kull deċiżjoni fir-rigward tal-minuri, kemm ordinarji kif ukoll straordinarji liem deċiżjonijiet jinkludu *inter alia* l-ħruġ ta' passaporti kif mitlub fis-seba' darba.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenut.